# REĠJUN TRAMUNTANA

112, Triq Ġulju, Bugibba,
San Pawl il-Baħar SPB 2617

**Laqgħa Reġjonali Nru. 23 ta' 2025, miżmuma nhar it-Tlieta, 22 ta' Lulju 2025, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Angelo Micallef | Balzan | Membru |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Gabriel Micallef | Mellieħa | Membru |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Delegat |
| • Godwin Grech | Naxxar | Delegat |

| | |
|---|---|
| • Bjorn Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Dale Hayman | Imtarfa | Membru |
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |

# AĠENDA

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru. 22
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
5. Aġġornamenti u diskussjoni;
   - 5.1 Audited Financial Statements 2024
   - 5.2 Quarterly Financial Reports Q1 and Q2 of 2025
   - 5.3 Proposti mill-kunsilli rigward il-fond Reġjonali – RT 001/2025
   - 5.4 Aġġornament - European Week of the Regions and Cities 2025
   - 5.5 Punti Oħra ta’ diskussjoni
6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti
7. Aġġornament

---

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fil-ħamsa u nofs (17.30) ta’ filgħaxija.

## 1. Ittri ta’ Apoloġija

Il-President Clifford Galea informa li d-delegat Kunsillier Godwin Grech qiegħed jattendi il-laqgħa fil-post tas-Sindku Dr. Christopher Deguara.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.22

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 22 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

Punti mill-minuti – B’referenza għal punt nr. 3.9. Naxxar Scouts Group – Użu minn ġnien madwar binja mhix użata - il-Perit Ċensu Galea staqsa jekk kienx hemm verifika jekk din l-art hiex qedgħa tintuża. Il-President wieġeb li għandna nformazjoni li qedin isiru xogħolijiet ta’ rinovar b’hekk għalissa ma tistax tintuża.

Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, issekondat mis-Sindku Stefan Cordina, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

## 3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President

### 3.1 Aġġornament – Deep Blue Green – Proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

Il-membri tal-kunsilli rispettivi ġew imfakkra sabiex jinformaw lir-Reġjun dwar min ser jipparteċipa fl-attivitajiet sportivi li se jsiru fl-aħħar ġimagħtejn ta’ Settembru, jikkuntattjaw l-għaqdiet sportivi kollha relevanti,

jippreparaw programm dettaljat għall-istess perjodu, u jindikaw min se jirċievi għajnuna mingħand Sport Malta sabiex l-organizzazzjoni tkun tista' timxi b'mod koordinat u effiċjenti.

**3.2 Aġġornament - *SPI*/SCI/07/2025 - Finanzjament– Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità**

Il-membri ġew mistoqsija dwar min ser japplika għall-benefiċċju ta' dan il-finanzjament, hekk kif ntbagħtu diversi tfakkiriet.

**3.3 Aġġornament – Korsijiet ta' taħriġ - Taħriġ għall-membri tal-Kunsill dwar ir-reklutaġġ**

Il-membri ġew imfakkra li ser jiġi organizzatt kors ta' taħriġ minn Reġjun Tramuntana għal membri tal-Kunsill Lokali, b'rabta mar-reklutaġġ. Il-kors se jsir nhar it-Tnejn u t-Tlieta, 28 u 29 ta' Lulju 2025. Inħeġġu lill-membri, speċjalment dawk li ser jinħatru bħala membri tal-bord tal-intervisti, sabiex jirreġistraw w jattendu.

**3.4 Aġġornament – The High-level Political Forum on Sustainable Development– f'New York 15/7/25 – 18/7/25**

Il-President preżenta rapport li ħejja wara l-parteċipazzjoni f'HLPF, li jinkludi riflessjonijiet fuq l-irwol kruċjali tal-gvernijiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), b'enfasi fuq l-importanza ta' urbanizzazzjoni sostenibbli, il-promozzjoni tas-saħħa, u l-inklużjoni soċjali. Saret diskussjoni żgħira bejn il-membri u l-President dwar l-inizjattivi u l-attivitajiet li fihom ġie ppreżentat ir-Regjun.

**3.5 Aġġornament dwar is-Sitwazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Iskart fir-Reġjun u rapport lid-Divisjoni tal-Gvern Lokali.**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li r-rapport estensiv kien mibgħut lid-Diviżjoni nhar it-9 ta' Lulju 2025, u ġiet mibgħuta tfakkira addizzjonali nhar il-15 ta' Lulju 2025.

Fis 16 ta' Lulju, is-Sur Christopher Galea kkomunika li l-email relatata mar-rapport ġiet mgħoddija lill procurement unit biex tigi processata u tinbeda t-talba għall-approvazzjoni mis-Segretarju Permanenti. Il-bierah 21 ta' Lulju gejna informati li id document gie downloaded mil monitoring and support unit tad DLG u li id document qieghed jigi processat. Ser nistennew u narfukhom hekk kif nircievu risposta.

### 3.6 Aġġornament - Aġenzija Sapport – Wellness Warriors

Ir-Regjun Tramuntana rċieva email mingħand l-Aġenzija Support fejn ġejna infurmati li, minħabba turnout baxx ta' żgħażagħ, il-programm Wellness Warriors kellu jiġi kkanċellat. L-Aġenzija wriet l-apprezzament tagħha għall-appoġġ mogħti mir-Regjun fil-proċess ta' organizzazzjoni u esprimiet ix-xewqa li tkompli tikkollabora fl-attività ppjanata għas-Settembru.

### 3.7 Aġġornament – Vjaġġi Edukattivi bid-Dgħajsa Madwar Filfla

Il-President informa lill-membri li l-ewwel mawra għal Filfla, li saret nhar l-4 ta' Lulju 2025, għall-grupp tale-Active Ageing ta' Naxxar, kienet ta' suċċess. Huwa spjega li l--aħħar mawra ser issir għall-Active Ageing ta' Mellieħa nhar l-1 ta' Awwissu 2025, u nittamaw li din tkun ta' suċċess daqs l-ewwel.

Il-President saħaq li, minkejja l-proċess twil biex jinkisbu l-permessi kollha meħtieġa, dan l-isforz wettaq frott għaliex l-anzjani tar-Reġjun qegħdin jibbenefikaw b'mod konkret minn din l-inizjattiva.

### 3.8 Aġġornament – LESA debtor List

B'referenza għal-Laqgħa Numru 21, Punt 3.12, il-President informa lill-membri li l-eżerċizzju relatat mal-ħlasijiet dovuti mill-LESA għadu għaddej. Fil-fatt, din il-ġimgħa nġabru madwar €6,000 fi spejjes dovuti lejn ir-Reġjun. Lil- LESA ngħatalha miżata amministrattiva ta' 10%, li tammonta għal madwar €800, dawn ic-cifri huma relatati mas-snin 2018, 2019 u 2020 li qatt ma ġew ivverifikati qabel.

L-eżerċizzju ilu għaddej sa mill-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv, u sa issa nġabru madwar €100,000. Għadhom pendenti l-ħlas tal-pagi tal-impjegati tat-Tribunal għal xhur varji ta' 2020 u 2021, li bħalissa qed jiġu verifikati.

Il-President assigura lill-membri li, hekk kif ikun hemm aġġornamenti, dawn se jiġu kkummunikati sabiex ikun hemm rikonċiljazzjoni finali bejn ir-Reġjun u LESA kif suppost.

### 3.9 Xiri ta' Office Safe ghal flus kontanti u dokumenti importanti

Wara laqgħa li saret online bejn is-Segretarju Eżekuttiv u d-Diviżjoni tal-Compliance fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali (DLG), ġie kkomunikat li ser tiġi organizzata żjara fuq il-post fl-uffiċċju tar-Reġjun sabiex jiġu osservati l-proċeduri relatati mal-ġestjoni tal-flus kontanti.

Matul id-diskussjoni, ġew trattati diversi punti relatati mal-ġestjoni tal-fondi fir-Reġjun, fosthom il-ħtieġa li jintrama safe apposta sabiex jinżammu fih il-flus kontanti kif ukoll dokumenti ta' importanza. Għal dan l-iskop, ġew miksuba diversi kwotazzjonijiet mingħand fornituri, fejn l-iktar għażla in konformi mal-kriterji meħtieġa tammonta għal €850.

L-onsite visit hija skedata għal nhar l-Erbgħa 13 ta' Awwissu 2025.

## 3.10 Talba minn Naxxar Scout Group – AED

Il-President informa li Ir-Reġjun Tramuntana rċieva talba min-Naxxar Scout Group sabiex tingħata għajnuna billi tinxtara batterija tal-magna AED, par pads AED għall-adulti, kif ukoll par pads AED pediatriċi. L-ispiża totali għal dawn l-oġġetti tammonta għal €726.00.

Minħabba li dawn l-oġġetti mhumiex inklużi fil-ftehim tat-tender, se jkunu meqjusa bħala għajnuna diretta lill-NGO involuta.

Is-Sindku Paul Vella talab li jiġu ċċekkjati l-AEDs li jinsabu fil-lokalità tal-Imġarr, kif ukoll li ssir rikjesta sabiex jinxtraw l-affarijiet meħtieġa biex dawn ikunu kompletament funzjonali f'każ ta' emerġenza.

Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, ssekondat mill-Kunsillier Norbert Dalli, kien hemm qbil unanimu sabiex jinxtraw dawn l-aċċessorji utli.

## 3.11 Tender Street Lighting

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-AKL dwar l-istat attwali tat-tender għad-dwal tat-toroq, minħabba li diversi kunsilli staqsew ripetutament dwar dan. Jidher li l-kwistjonijiet legali kollha bejn Enemalta u l-kuntratturi privati issa ġew riżolti, u kollox jindika li ser isir arranġament sabiex Enemalta tuża lil dawn il-kuntratturi bħala subkuntratturi tagħha stess.

Fuq il-parir li ngħata, is-Segretarju esprima li f'dan l-istadju jkun prematur li jinħareġ tender. Id-dettalji relatati ma' dan it-tender u l-arranġament milħuq ser jingħataw possibilment f'seduta oħra, wara li jsiru aktar laqgħat bejn il-partijiet konċernati.

Fis-17:55, is-Sindku Gabriel Micallef ingħaqad mal-laqgħa.

## 3.12 Proposta għal Tournament ta' Chess fil-Mellieħa

Il-President, informa li r-Regjun flimkien mas-Sindku tal-Mellieħa Gabriel Micallef irċieva proposta mis-Sur Noel Vella sabiex tiġi organizzata tournament ta' Chess fil-lokalità tal-Mellieħa. L-attività ser tkun immirata għal bejn 60 sa 100 parteċipant u ser issir fil-bitħa tas-Santwarju tal-Mellieħa. L-avveniment huwa miftuħ għal kulħadd u għandu l-għan li jippromwovi inklużività u parteċipazzjoni minn persuni ta' kull età u livell. Din l-attività qed tiġi kkunsidrata wkoll biex tiġi inkluża fil-proġett Deep Blue Green li se jsir f'Settembru.

### 3.13 Korrispondenza dwar il-ġbir tal-iskart mill-Perit Censu Galea

Is-Sindku Perit Censu Galea bagħat korrispondenza lir-reġjun dwar il-ġbir tal-iskart f'San Pawl il-Baħar. Huwa esprima d-dwejjaq tiegħu dwar il-mod kif qed tiġi amministrata s-sistema tal-ġbir, partikolarment għall-borża sewda, li qal falliet u m'għamlitx progress minkejja s-snin ta' diskussjonijiet u talbiet. Fost l-aktar punti importanti:

1. Is-sistema imposta mill-2023 falliet u r-riżultati mhumiex sodisfaċenti.
2. Għandhom jittieħdu passi konkreti biex jitjieb il-ġbir speċjalment f'lokalitajiet kumplessi bħal San Pawl il-Baħar.
3. Hemm nuqqas ta' trasparenza dwar ir-rotot u l-iskedi tal-ġbir.
4. Jeħtieġ garanzija li l-kuntrattur qed josserva l-obbligi tiegħu.
5. Titlob żieda ta' ġurnata oħra għall-ġbir tal-borża sewda fil-ġimgħa.
6. Ir-reġjun mhuwiex kuntent bis-sistema attwali.
7. Jinsisti fuq infurzar aktar effettiv, inkluż preżenza attiva tal-ERA.
8. Jappella għal punti ta' ġbir organizzati u ffinanzjati, biex ma jiżdiedux l-ispejjeż fuq il-kunsilli.
9. Proponiet investiment f'underground bins u infrastruttura moderna, b'finanzjament mill-Gvern jew appoġġ lill-kunsilli.
10. L-amministrazzjoni u kontroll tal-ġbir għandhom jerġgħu jgħaddu għand il-kunsilli lokali.
11. It-tender il-ġdid għandu jindirizza r-realtajiet differenti ta' kull lokalità, bil-kunsilli nvoluti fid-diskussjonijiet.

Il-korrispondenza tisħaq li l-problema tal-ġbir ta' l-iskart issa saret waħda nazzjonali u teħtieġ attenzjoni immedjata u serja.

Is-Sindku Gabriel Micallef esprima l-qbil tiegħu mal-punti kollha li semma s-Sindku Perit Ċensu Galea. Il-Perit Galea kompla jenfasizza li l-workplan, għal darb'oħra, għadu ma ġiex ippreżentat mill-kuntrattur, u li m'hemm l-ebda forma ta' infurzar li qed issir f'xi lokalità. Huwa sostna li mhuwiex ġust

li n-nies qed iwaħħlu fil-kunsill lokali, meta fil-verità hemm bżonn li r-residenti jkunu infurmati li r-Reġjun qed jaħdem sabiex tirranġa sistema li evidenti li falliet.

Fis-18:10, il-Viċi President Dr. Angelo Micallef ingħaqad mal-laqgħa.

Wara diskussjoni bejn il-membri, is-Sindku Stefan Cordina propona li r-Reġjun għandu jistenna sakemm tirċievi risposta mid-Dipartiment tal-Kuntratti rigward il-proposta tal-penali li bagħat is-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Viċi President Dr. Angelo Micallef enfasizza li dan huwa każ li ilu sentejn u aktar, u issa nistgħu ngħidu biċ-ċert li mhux biss il-kuntrattur falla, iżda s-sistema kollha falliet. Huwa ssuggerixxa li jikteb dokument li jidentifika l-punti fejn is-sistema fallet kif ukoll jipproponi soluzzjonijiet konkreti. Il-membri ssuggerixxew ukoll li jkun hemm kelliem wieħed li jitkellem f'isem ir-Reġjun f'każ ta' konferenza stampa.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sindku Gabriel Micallef staqsa għal aġġornament dwar il-kameras ta' sorveljanza (CCTVs). Is-Segretarju Eżekuttiv talab li jintbagħtu d-dettalji tekniċi u finanzjarji li ġew sottomessi mill-bidders, sabiex tkun tista' ssir riċerka aktar approfondita dwar għalfejn hemm differenza daqshekk kbira fil-kwotazzjonijiet li rċieva r-Reġjun minn dawk li ssottomettew il-bids tagħhom.

**5. Aġġornamenti u diskussjoni;**

**5.1 Audited Financial Statements 2024**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill membri li l-accountant tinsab indisposta u ghalhekk ma setatx tiprezenta dan ir-rapport personalment, minflok preparata sommarju qasir li ser ikun qieghed jiprezentah is segretarju ezekuttiv.

Jidher li bejn ir-rapporti mhux awditjati li ġew approvati f'Jannar u r-rapporti awditjati li qed jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni llum, hemm differenza negliġibbli ta' madwar €11,400 favur ir-Reġjun bħala profitt. Skont il-figuri wara l-awditjar għas-sena 2024, ir-Reġjun irreġistra profitt ta' €638,353, bi riservi totali li jammontaw għal €1,475,942.

Skont ir-rapport tal-accountant tar-Reġjun, dawn ir-riżultati huma sodisfaċenti ħafna, u m'hemmx il-ħtieġa għal emendi ulterjuri. Huwa

mistenni li s-sena 2025 tkun saħansitra aktar pożittiva, hekk kif l-istaff wettaq eżerċizzju intens fuq il-kontijiet dovuti (debtors u creditors) kif ukoll fuq aspetti oħra relatati mal-finanzi tar-Reġjun.
Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, issekondat mill-Viċi President Angelo Micallef, kien hemm qbil unanimu li dan ir-rapport jiġi approvat hekk kif preżentat.

### 5.2 Quarterly Financial Reports Q1 and Q2 of 2025

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill membri li l-accountant tinsab indisposta u ghalhekk ma setatx tiprezenta dan ir-rapport, minflok preparata sommarju qasir li ser ikun qieghed jiprezentah is segretarju ezekuttiv.

Ġew ppreżentati ir rapporti skont l-accountant tar-Reġjun li minkejja li ġie rreġistrat defiċit kemm fil Q1 kif ukoll fil Q2, dan kien minħabba invoices relatati mal-iskart, partikolarment ma' dawk imsejħa rejects jew boroż griżi ta' riċiklaġġ ikkontaminati minn skart ieħor skont WasteServ.

Minkejja dan, ir-Reġjun jibqa' jistinka biex l-ispejjeż li għamel ikunu ta' fejda għall-Kunsilli Lokali li jassisti, u dejjem ikunu trasparenti u kontabbli.

Fuq proponiment tas-Sindku Gabriel Micallef, issekondat mis-Sindku Paul Vella kien hemm qbil li r-rapporti Q1 u Q2 jiġu approvati hekk kif preżentati.

### 5.3 Proposti mill-kunsilli rigward il-fond Reġjonali – RT 001/2025

Ir-Reġjun Tramuntana rċieva ħames invoices mill-Kunsill Lokali ta' Attard, relatati mal-għamara għall-uffiċċju l-ġdid tagħhom sabiex dawn l-invoices jiġu koperti mill-fond ta' €27,000 allokat mir-Reġjun.

L-invoices jammontaw għal €28,402.40; madankollu, skont il-kriterji tal-iskema, l-ammont massimu rimborsabbli huwa ta' €27,000.

Qiegħed jiġi propost li l-invoices jitħallsu lura lill-Kunsill ta' Attard b'mod gradwali, skont l-iskedi ta' pagament li ġejjin, billi nibdew bl-ogħla invoices sakemm jintlaħaq il-limitu:

Skeda 190: jitħallsu żewġ invoices ta' €6,584.00 u €5,787.90

Skeda 191: jitħallsu €5,728.90 u €5,451.60

Skeda 192: jitħallas il-kumplament biex jintlaħaq it-total ta' €27,000

Il-Kunsill Lokali ta' Attard għandu xahrejn ċans sabiex ikun konformi mal-kriterji elenkati fl-iskema tal-fondi RT001/2025.

Barra minn hekk, qed jiġi propost li waqt din il-laqgħa jintlaħaq ftehim dwar il-mod kif il-fondi relatati mal-iskart, li għandhom jiġu trasferiti mill-Kunsill lir-Reġjun, se jiġu rregolati u mħallsin skont pjan imfassal b'mod ċar.

Fuq proponiment tal-Viċi President Dr. Angelo Micallef, issekondat mill-kunsillier Norbert Dalli kien hemm qbil li l-invoices preżentati jiġu rimborsati hekk kif diskuss.

Il-membri ġew informati wkoll li l-Kunsilli Lokali, ħlief il-Mellieħa, l-Imtarfa u San Ġwann, għadhom ma ffirmawx il-kuntratt tal-fond, u għalhekk ntqal li għandhom jagħmlu dan mill-aktar fis.

### 5.4 Aġġornament - European Week of the Regions and Cities 2025

Il-President informa li l-arranġamenti għall-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni ta' 16-il delegat għall-European Week of Regions and Cities 2025 huma lesti. Minkejja li kien hemm ftehim inizjali biex jitilgħu żewġ delegati bħala rappreżentanti minn kull kunsill, l-ispejjeż telgħu b'mod konsiderevoli. Il-prezz tal-ivvjaġġar se jammonta għal €4,960.00, filwaqt li l-akkomodazzjoni se tammonta għal €12,480.00. Id-dati tal-attività ser ikunu mit-12 sal-16 ta' Ottubru.

Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, ssekondat mill-Kunsillier Godwin Grech, kien hemm qbil li tingħata din l-opportunità. Madankollu, ġie ssuggerit li sabiex fl-edizzjonijiet futuri l-ispejjeż ikunu aktar ikkontrollati, ikun aktar għaqli li jitla' delegat wieħed bħala rappreżentant minn kull kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar din il-proposta.

### 5.5 Punti Oħra ta' diskussjoni

### 5.5A Membri tal-bord tal-intervisti

Il-President informa lill-membri li bħalissa qed jiġu ċċirkolati l-postijiet vakanti fi ħdan ir-Reġjun, u għaldaqstant huwa importanti li jiġu maħtura l-membri tal-bord tal-intervisti.

Barra minn hekk, ġiet diskussa l-possibbiltà li jiġi maħtur bord indipendenti li jkun magħmul minn mhux anqas minn tliet membri.

Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, issekondat mill-Viċi President Dr. Angelo Micallef, kien hemm qbil unanimu li jinħatar bord indipendenti sabiex jsiru l-intervisti.

**6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni, l-iskeda ta’ pagamenti Numru 190 għall-perjodu ta’ bejn it-28 ta’ Ġunju 2025 u l-21 ta’ Lulju 2025. L-Iskeda msemmija ġiet approvata mill-proponent is-Sindku Perit Ċensu Galea, issekondata mill-Kunsillier Norbert Dalli. Il-membri qablu unanimament.

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sebgħa (19.00) ta’ filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Erbgħa 20 ta’ Awwissu 2025 fil-17.30, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta’ Reġjun Tramuntana.

IFFIRMATA IFFIRMATA

Clifford Galea Bjorn Bonello

President Segretarju Eżekuttiv

Approvati illum l-Erbgħa 20 ta’ Awwissu 2025